MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 913/1997/1

Mario Debono
vs
Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fl-1989, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn promozzjoni li kien jisthoqqlu, minghajr raguni valida fil-ligi, anzi x’aktarx ghal motivi politici.
Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien ingagga fil-Forzi Armati ta’ Malta fl-1979 fir-rank ta’ Gunner, u beda jservi fil-Fire Section (Luqa).

Illi fl-Armata dejjem kienet il-procedura li l-promozzjonijiet jinghataw skond is-seniority Army Number, izda meta

nbidel il-Gvern fl-1987, l-affarijiet kienu nbidlu u l-promozzjonijiet bdew isiru bla ebda regola ta' xejn.

Illi fit-2 ta' Jannar 1989, permezz ta' cirkolari ffirmata mill-Brigadier John Spiteri, kienu hargu promozzjonijiet ghal Bumbardiera u Surgenti, b'effett retroattiv mill-1 ta' Mejju 1988.

Illi mit-tnax-il Gunner li kienu gew promossi ghal Bumbardier, erba' minnhom kellhom anqas seniority mir-rikorrent, filwaqt li r-rikorrent inqabez ukoll minn Gunner 17871 C. Borg, li minn Gunner sar Surgent.

Illi dawn il-promozzjonijiet kienu nghataw bla ebda gustifikazzjoni u kontra kull procedura normali, billi la kien sar ezami, la kien sar interview u l-anqas ma kien hemm xi rakkomandazzjoni mill-Fizzjal Kmandant, kif normalment kien isir.

Illi fil-25 ta' Marzu 1994, kien sar ezercizzju biex jigu rrangati l-ingustizzji li kienu saru fil-promozzjonijiet imhabbra permezz tac-cirkolari msemmija tat-2 ta' Jannar 1989 u kien sar qbil li jinghataw il-promozzjonijiet skond l-Army number.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra, ir-rikorrent kien bata wkoll telf finanzjarju konsistenti f'telf tal-awment ta' paga relattiva ghall-grad ta' Bumbardier, miz-zmien li kien haqqu jiehu l-promozzjoni ghal dan il-grad.

Illi barra minn hekk, b'rizultat tad-diskriminazzjoni li kienet saret kontrieh, ir-rikorrent kien bata wkoll fil-karriera professjonali tieghu, peress illi minflok avvanza meta kien jisthoqqlu, mar lura fis-seniority ghaliex gew promossi persuni ohra filwaqt li hu kien baqa' fl-istess grad li kien.

Ir-rikorrent dejjem kellu rapporti tajba fl-attendenza, abbilta`, efficjenza u "smartness" u dejjem ghamel ix-xoghol li nghata b'responsabilita` u skond l-ahjar abbilta` tieghu.

Illi r-rikorrent ma kien inghata ebda raguni valida ghall-ingustizzja li sofra u ghalhekk sostna li din x'aktarx kienet saret ghal mottivi politici.

Illi b'hekk, ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li kienet saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha kien garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien sejjer iressaq lix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghgbu, wara li jisma' x-xhieda u s-sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju billi r-rikorrent (1) jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' Bumbardier b'effett retroattiv mid-data li kien haqqu tali promozzjoni; (2) jithallas l-arretrati kollha ta' paga, allowances u overtime, relattivi ghal tali promozzjoni.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent talab li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:
Illi primarjament, dak li qed jallega r-rikorrent f'dik li hi procedura ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet fl-Armata hija kompletament zbaljata. Kuntrarju ghal dak li r-rikorrent irid jaghti wiehed x'jifhem l-promozzjonijiet ma jinghatax skond is-Seniority Army Number.

Illi l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' kwalifiki u ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe` l-avviz legali Nru 91 tal-1970.

Illi fit-tieni lok, fl-ezercizzju msemmi mir-rikorrent u li rrefera ghalih bhala li sar fil-25 ta' Marzu 1994, ir-rikorrent rega' zbalja f'li jghid li kien sar qbil li l-promozzjonijiet jinghataw skond l-Army Number u dan johrog minn dak li ser jinghad.

Illi dwar l-ezercizzju tal-promozzjoni fil-Fire Section (Airport Company) cioe` tal-1988, il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji kienet irrakkomandat u l-Ufficcju tal-Prim Ministru kien approva biex isir ezercizzju gdid li jinkludi l-membri kollha tal-Fire Section. Dan l-ezercizzju li r-rikorrent irrefera ghalih kien ibbazat fuq il-principju li l-Officer Commanding tal-Fire Section jaghmel ir-rakkomadazzjonijiet tieghu ibbazati fuq "present capabilities" ta' kull membru u li dawn jigu elenkati skond ordni ta' mertu ghall-promozzjoni fir-rank li jmiss.

Illi fil-kaz tal-promozzjoni mir-rank ta' Gunner ghal dak ta' Bombardier kien iddikjarat li kien hemm hames vakanzi. Ir-rikorrent kien fil-fatt elenkat is-seba' u ghoxrin wiehed minn dawk li gew rakkomandati skond ma kif kien mitlub u kif gie spjegat fil-paragrafu precedenti u ghaldaqstant kien ferm lura fl-ordni ta' mertu sabiex ikun jista' jigi promoss fost l-ewwel hames vakanzi. Tajjeb ukoll wiehed isemmi li meta l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghamlet ir-rakkomandazzjonijiet taghha u li l-Ufficcju tal-Prim Ministru approva gie konsistentement ritenut li min ma jaghmilx ilment ma jistax jippretendi li sofra ingustizzja meta shabu li jkunu ghamlu l-ilment li jirrizulta gustifikat, jiehdu promozzjoni propju bl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fl-istess ilment. Tajjeb wiehed isemmi li ma jirrizultax li r-rikorrent kien ghamel xi lment lill-Kummissjoni msemmija.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li hu dahal fil-Forzi Armati ta’ Malta fl-1979 bir-rank ta’ Gunner u beda jaqdi d-dmirijiet tieghu fil-Fire Section Hal-Luqa. Hu sostna li fl-armata l-procedura kienet li l-promozzjonijiet jinghataw skond is-Seniority. Ghalhekk, meta ghadda z-zmien, hu kien qed jispera li jilhaq ir-rank oghla li jmiss u cioe` dik ta' Bumbardier. Madankollu fit-2 ta' Jannar 1989 meta harget ic-cirkolari li fiha thabbru l-promozzjonijiet b'effett retroattiv mill-1 ta' Mejju 1988, hu ma kienx wiehed mill-persuni li gew promossi u hass li saret ingustizzja mieghu, ghaliex gew promossi persuni li dahlu fl-armata warajh u ghalhekk kien senior taghhom. Sostna li fil-fatt mit-tnax-il Gunner li gew promossi ghar-rank ta' Bumbardier erba’ kienu jigu warajh fis-Seniority. Sostna li l-promozzjonijiet ma kienux saru skond il-kriterji li ntuzaw qabel u semma li hu baqa’ ma nghata ebda raguni ghala nqabez fil-promozzjoni. Ma kien sar ebda ezami ta' kompetenza, jew interviews u sostna li l-motivi kienu sempliciment dawk politici. Semma li dan il-fatt kien diga` gie ppruvat fil-kazijiet tal-Firemen Pawlu Muscat, Arthur Wait, Richard Hili, Joseph Cauchi, Frans Caruana u Anthony Attard liema persuni kienu rebhu l-kawza taghhom u gew kumpensati billi nghataw il-promozzjoni li kien haqqhom, kif ukoll l-arretrati ta’ paga mill-1 ta’ Mejju 1998. Semma li kawza ta’ dan bata moralment kif ukoll finanzjarjament.

Xehed Joseph Cioffi li semma li llum jahdem fil-Fire Section tal-MIA izda qabel kien ma’ l-Armata. Semma li ghamel xi zmien jahdem ma’ Mario Debono r-rikorrent

izda r-rikorrent kien junior tax-xhud. Semma li r-rikorrent kien fireman ta' l-affari tieghu, ubbidjenti u bniedem dixxiplinat kif ukoll efficjenti fix-xoghol tieghu u tista' tafdalu bicca xoghol f'idejh, m'hemmx ghalfejn toqghod issegwih biex tara li qed jaghmilha sew. Semma li dam jahdem mieghu ghal zmien sena jew aktar. Kien ghamel assessements u r-rikorrent kellu assessements tajbin.

Qal li z-zmien li ghalih kien qed jirriferixxi fejn ir-rikorrent kien jahdem mieghu kien qabel l-1988 ghalkemm mhux cert u dak iz-zmien kien Warrant Officer u Crew Commander u kellu group ta' nies tahtu. L-assessements li kien jaghmel hu kienu jkunu bil-miktub u kien jaghmilhom hu personali u jghaddihom lis-superjuri tieghu. Ma kienx gie mistoqsi jaghmel rakkomandazzjoni ghall-promozzjonijiet tal-1988 pero` r-rapport annwali kien sar.

Xehed <u>Alfred Stivala</u> li semma li ghal xi zmien kien jahdem fil-Fire Section ta' l-Armata, u kien hemm anke r-rikorrent, u x-xhud kien senior tar-rikorrent u dan kien ghall-habta tal-1987 u 1988. Semma li r-rikorrent dak li kont tqabbdu fuq ix-xoghol kien jaghmlu, kien iddixxiplinat u kien tajjeb fuq xogholu. Huwa kien jaf xogholu sewwa. Qatt ma kien gie mitlub jaghmel assessements fir-rigward tar-rikorrent peress li dak iz-zmien kellu r-rank ta' surgent. Semma li r-rikorrent kien izomm il-hinijiet tieghu u dejjem kien puntwali. Pero` r-rikorrent ma kienx fiss fil-crew mieghu, ghax kienu jahdmu flimkien ghall-perjodi qosra minn zmien ghal zmien.

Xehed <u>il-Maggur Emanuel Pantalleresco</u> li semma li kien fil-Fire Section ta' l-Armata u li fl-1979 kien kaptan u minn 1980 maggur. Kien head tal-Fire Section. Ir-rikorrent kien dahal fis-section tieghu fl-1979 u minn dakinhar sal-lum dejjem baqa' mieghu fil-Fire Section u kien ikollu kuntatt dirett mieghu fuq ix-xoghol. Qal li lir-rikorrent jikklassifikah bhala medja, hemm min hu aktar minnu u hemm min hu inqas minnu. Fir-rigward tad-dixxiplina semma li r-rikorrent kien ubbidjenti u x-xoghol li jinghatalu jaghmlu u jaghmlu sew izda huwa jkollu l-crew commander fuqu. Fil-fatt il-crew commander ikollu kuntatt aktar dirett mar-rikorrent milli x-xhud. Joseph Cioffi kien il-crew

commander tar-rikorrent. Hu semma li l-crew commander ikun aktar f'posizzjoni li jghid il-prestazzjoni tax-xoghol tar-rikorrent. Deherlu li l-assessements tar-rikorrent kienu medji. Semma li l-assessements kienu jsiru regolarment, izda mbaghad twaqqfu f'daqqa wara l-promotion exercise tal-1988. Fl-1988 hu kien jiddiskrivi lir-rikorrent fil-kategorija medja. Dwar il-promotion exercise tal-1994 hu kien ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu u ghaddiehom lid-Direttur Generali. Hu ma kienx irrakkomanda lir-rikorrent fil-promotion exercise tal-1988 minhabba li hadd ma kien ikkonsultah f'din il-promotion exercise. Kienu qabdu u hargu l-promozzjonijiet minghajr anqas biss kien jaf hu.

Xehed il-<u>Kaptan Walter Willie</u> li semma li spicca mill-Armata xi tliet snin qabel xehed u kien ilu ma' l-Armata minn 1979 ghax qabel kien mas-Servizzi Inglizi. Ftit qabel l-1979 kien sar reklutagg u r-rikorrent kien intghazel dak iz-zmien biex jidhol. Dak iz-zmien li dahal ir-rikorrent kien Deputy tal-Fire Section bir-rank ta' Lieutenant. Ir-rikorrent kien gie assenjat fil-Fire Section wara li kien ghadda b'success wara l-applikazzjoni mis-servizzi Inglizi. Is-sejha ghall-applikazzjonijiet dak iz-zmien kienet specifika ghall-Fire Section. Bejn l-1979 u l-1988 ir-rikorrent kien jahdem taht ix-xhud fil-Fire Section taht dixxiplina militari. Ir-rikorrent dejjem obda l-ordinjiet moghtija lilu, dejjem ghamel xogholu kif titlob il-kategorija ta' l-Airport u qatt ma kellu problemi bejnu u nies ohra u l-anqas kien hemm kazi ta' dixxiplina militari kontra tieghu. Semma li fuq promotions fl-Armata fil-Fire Section qatt ma kien hemm call ghall-promotions, il-promotions dejjem inghataw bis-sistema tas-seniority list. Jekk inti l-ewwel, jaghtik l-ewwel, dejjem imxew hekk sa certu zmien. Imbaghad bdew jinqalbu l-affarjiet u kulhadd beda jidhol. Kien ghal habta ta' l-1988 meta l-affarjiet ma baqghux mexjin bis-seniority. Xehed li hu ma jaf b'ebda raguni ghaliex ir-rikorrent ma kellux jinghata l-promotion li kien imissu by seniority. Hu semma li ma jafx x'inhuma r-ragunijiet ghaliex ir-rikorrent ma nghatax promozzjoni.

Ix-xhud kien id-Deputy tal-Kap Kmandant tal-Fire Section. Baqa’ jsostni li r-rikorrent kien wiehed mill-ahjar fost il-haddiema li kien hemm.
Xehed Francis Sammut li qabel l-1979 kien ma’ l-Air Force mas-Servizzi Inglizi u mbaghad saru AFM u wara fl-1998 saru MIA. Bejn l-1979 u l-1998 gieli hadem mar-rikorrent. Semma li r-rikorrent kien jigi rank wiehed inqas minnu. Ir-rikorrent dejjem kien bniedem biezel, ma jiskartax, jaf xogholu, u tqabbdu xi haga dejjem jaghmilha. Meta jaghmel bicca xoghol dejjem jaghmilha sew u b'mod efficjenti.

Xehed Tony Cachia li semma li ilu mas-servizzi Inglizi bhala Civilian minn 1974 u fl-1979 qalbu ghall-AFM bhala pajzan u xi ftit wara saru suldati. Mill-1979 'il quddiem kien fil-Fire Section sakemm fl-1998 saru ma’ l-MIA. Bejn l-1979 u l-1998 ghamel xi zmien jahdem mar-rikorrent specjalment ghal xi tliet snin. Matul dan iz-zmien ir-rikorrent kien jahdem mieghu. Stqarr li ghandu opinjoni tajba tar-rikorrent u jafu bhala bniedem biezel.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri u esebixxa hames dokumenti li jirrigwardaw x’azzjoni hadet il-Kummissjoni wara li saru diversi lmenti rigward il-promozzjonijiet li saru fl-1988, rakkomandazzjonijiet li kienet ghamlet hi biex jigu rrangati xi diskrepanzi li kienet sabet il-Kummissjoni. Hu semma li partikolarment in kwantu ma jirrizultax li kien ghamel ir-rakkomandazzjoni ghall-promozzjoni u li ma nstabitx anqas u anqas gustifikazzjoni u l-motivazzjoni ghall-ghazla li saret. Imbaghad irrakkomandat li l-Kmandant Forzi Armati, b’konsultazzjoni mad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili, ghandu jaghmel ezercizzju iehor biex jigi stabbilit, min kienu dak iz-zmien, dawk il-membri eligibbli biex jimlew iz-zewg hatriet ta’ Surgent u ghaxar hatriet ta’ Bumbardier minn fost in-nies kollha tas-section. Kellhom isiru rakkomandazzjonijiet mill-Maggur Pantalleresco li kellu jaghmel recommendations on present capabilities as recommended on pages 2 & 3 of your letter 4$^{th}$ August 1993. Fost id-dokumenti li esebixxa l-Kurunell Schembri hemm dak li jirrizulta a fol 57 tal-process fejn jinghad bhala parti mid-decizjoni tal-Kummissjoni “F’dawn ic-cirkostanzi, il-Kummissjoni ma tistax hlief tinficja, b’mod

assolut, l-ezercizzju ta’ promozzjonijiet li sar fir-rigward tan-nies tal-Airport Company u partikolarment, dawk tal-Fire Fighting Section.”

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtija kif ukoll tad-dokumenti esebiti jirrizulta car illi fil-fatt meta sar il-promotion exercise precedenti dan kien assulutament zbaljat b’mod assolut kif qalet l-istess Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji u fil-fatt il-Kummissjoni kienet ikkunkludiet li ma tistax hlief tinficjah. Issa rrizulta li r-rikorrrent kien persuna abbli, responsabbli, dedikat u obbidjenti u gie konfermat minn kull xhud li kien superjuri ghal haddiem normali hlief ghal wiehed li fil-fatt ikklassifikah bhala wiehed avreage. Dan kien il-Maggur Manuel Pantallaresco. Jinghad ukoll illi l-istess xhud Maggur Pantallaresco semma li sa certu punt il-crew commander ikun f’posizzjoni li jghid li l-prestazzjoni tax-xoghol tar-rikorrent b’mod ahjar liema crew commander fil-fatt lir-rikorrent fahhru hafna.

Irrizulta li erba’ Gunners li kienu juniors tar-rikorrent qabzuh lir-rikorrent u dan qed nitkellmu fuq Gunner Zerafa, Gunner Bellizzi, Gunner Borg li addirittura gie promoss ghar-rank ta’ Surgent u Gunner Rizzo.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta’ Ottubru, 1998 it-Tribunal qal “Issa fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b’mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f’xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f’dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Fil-kaz in ezami certament it-Tribunal ma jistax iqis li kien hemm xi kwalitajiet negattivi fir-rikorrent li jiggustifikaw li din il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni ghax hlief tifhir ma kienx hemm fuqu.  Ghalhekk certament tirrizulta l-ingustizzja kif definita fil-Kapitolu 394.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni ta’ l-intimat, jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Bumbardier b’effett minn Mejju 1988 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjes kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------